MARSA

*Kunsill Lokali Marsa*

# Il-Pjan tal-Ħidma

**2016 - 2018**

## Il-Werrej


Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni....1

L-Istqarrija tal-Missjoni u l-Valuri....2

L-Għanijiet, ir-Riżultati Mistennija u l-Istrateġiji....3

Analiżi tal-Ħidma tal-Kunsill....4

Tbassir dwar il-Finanzi u r-Rendiment....5-7

L-Iżvilupp Kapitali....8-9

## 1.0 Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni

Dan il-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2006-2018 mhuwiex Pjan ta' bidu ta' Kunsill ġdid iżda huwa Pjan ta' kontinwazzjoni ta' pjanijiet oħra preċedenti li llum wassal lill-Marsa biex ikollha bini li jixraq lir-residenti u li huwa adekwat għal ħtiġijiet tal-lum. Il-Pjan ma jieqafx bil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, iżda il-Kunsill dawwar il-ħidma tiegħu fuq l-infrastruttura fit-toroq tagħna. Dan jidher b'mod ċar mix-xogħolijiet li twettqu u li għadhom għaddejjin sallum u li huma ppjanata fis-snin li ġejjin.

Sfortunatament, il-Kunsill ġie milqut negattivament fir-reviżjoni tar-Reġistru Elettorali fejn il-populazzjoni elettiva fil-lokalita' tnaqqset drastikament li ħalliet effetti negattiva kemm fuq l-aspett politiku kif ukoll fuq dak finanzjarju. Dan peress li n-numru ta' Kunsilliera naqas għal ħamsa minn sebgħa u l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill naqset b'madwar 30,000. F'dan id-dawl, il-Kunsill qed jagħmel pressjoni fuq il-Gvern Ċentrali fuq problemi li qed jiġu kkrejati fil-Lokal tagħna kemm biċ-ċentru miftuħ ta' l-Immigranti kif ukoll fenomenu ġdid ta' kiri ta' djar u ħwienet lill-istess immigranti li dan qed iħalli mpatt negattiv fuq il-lokal tagħna. Barraminnhekk, dawn ir-residenti fiċ-Ċentru miftuħ mhumiex reġistrati fuq ir-Reġistru Elettorali bil-konsegwenza li mhumiex meqjusa fil-populazzjoni tal-lokalita' fejn għaldaqstant ifisser li mhux qed nieħdu allokazzjoni finanzjarja.

Il-Kunsill Lokali jeħtieġ aktar fondi. Biex ntejbu is-servizz li ta' kuljum, jrid ikollok dħul adegwat u riżorsi oħrajn biex tkun tista' timxi 'l quddiem. Dan il-Pjan ta' Ħidma, fil-parti tat-tbassir finanzjarju juri bil-fatti li l-Kunsill ma jistax jiffunzjona kif suppost jekk id-dħul jibqa' l-istess għaliex qed niġu obbligati li nnaqsu l-ispejjeż biex il-Kunsill ma jidħolx f'deficit. Biex tnaqqas l-ispejjeż f'dinja li aktar ma jgħaddi żmien, l-ispejjeż jiżdiedu u mhux jonqsu, hija sfida iebsa ħafna. Madanakollu, aħna bħala Kunsill ma naqtgħux qalbna għaliex kif għamilna dejjem bil-ħidma bil-għaqal u ta' tmexxija bieżla, għandi fiduċja kbira li negħlbu l-isfidi li jinsabu quddiemna.

Madanakollu, intenni li l-Kunsill Lokali waħdu mingħajr is-sapport tal-awtoritajiet huwa diffiċli li jintlaħqu l-miri finanzjarji mingħajr ma nnaqqsu mill-kwalita' tas-servizzi offruti miill-Kunsill. Il-Kunsill se jkun qed jagħmel l-almu tiegħu sabiex jibqa' jipprovdu servizz eċċellenti lir-residenti tiegħu fejn nippruvaw naqduhom fil-ħtiġijiet tagħhom u fl-istess ħin nimxu b'mod responsabbli fit-tmexxija tal-fondi mogħtija lilna mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill se jkun ukoll jieħu opportunitajiet ta' fondi minn sorsi oħrajn bħalma hija l-UIF u fondi oħrajn.

Jiena fiduċjuż li dan il-Pjan ta' Ħidma li qed jitressaq f'dan id-dokument huwa Pjan ta' kontinwazzjoni ta' suċċessi bħalma kellu l-Kunsil Lokali Marsa f'dawn l-aħħar snin.

Francis Debono
Sindku

## 2.1 L-Istqarrija tal-Missjoni

Il-Missjoni tal-Kunsill Lokali tal-Marsa hija sabiex jidentifika w jimplimenta zvilupp infratrutturali, kif wkoll jissodisfa t-talbiet tar-residenti sabiex titjieb d-dehra ambjentali tal-lokalita. Dan il-Kunsill irid jaghmlu minbarra li jiehu hsieb l-innovazzjoni amministrattiva bir-rizorsi finanzjarji li jigu allokat lill-Kunsill mill-Gvern Centrali.

## 2.2 Il-Valuri

Il-valuri li jhaddan il-Kunsill Lokali tal-Marsa huma dawn :

- Li jirrispetta l-opinjoni pubblika tar-residenti Marsin kollha.
- Li jipprovdi ghajnuna u servizzi lill-komunita' kollha minghajr l'ebda distinzjoni.
- Li juza r-risorsi tieghu bl-aktar mod effettiv.
- Li jirrispetta l-ambjent ta' madwaru u jghin sabiex itejjeb l-stess ambjent ghal beneficcju tar-residenti tieghu.
- Li jippromwovi u jirrestawra fdalijiet storici li jinsabu fi hdan il-lokalita'.
- Li l-amministrazzjoni tal-Kunsill tkun gusta' u transparenti.
- Fl-ahhar u mhux lanqas, li f'dak li jaghmel u s-servizzi li joffri l-Kunsill jaghmlu bl-aktar mod eccellenti.

## 3.1 L - Għanijiet u r-Riżultati Mistennija matul is-sena 2016.

### L-Għanijiet

- Hija l-intenzjoni tal-Kunsill li jkompli jwettaq xogħlijiet infrastrutturali. B` dan il- mod il- Kunsill jibda jilhaq il- missjoni li jħaddan jigifieri li jimplimenta żvilupp infrastrutturali kif jixraq lill- lokalita` tiegħu. Issa li l- Kunsill ghandu l-binja tieghu, il- Kunsill ser ikun qed joffri servizz aħjar lir-residenti billi joffri servizzi aktar edukattivi, kulturali u ta` saħħa.

### Ir-Riżultati Mistennija

- Li jsiru l- manutenzjonijiet regolari tal-proġetti kapitali li wettaq sallum il-Kunsill u li r-residenti jingħataw aktar servizzi issa li l- Kunsill ghandu bini aktar adekwata sabiex jkun jista joffri dawn is- servizzi edukattivi, kulturali u ta` saħħa.

## 3.2 L-Għanijiet u r-Riżultati Mistennija fuq tliet snin (2016-2018):

### L-Għanijiet

- Li jitkompla l-zvilupp infrastruttura tal-lokal u jilhaq l-ghan ewlieni li l- Kunsill jkollhu bini adekwata li jhaddan aktar servizzi Komunitarji.

### Ir-Riżultati Mistennija

- Illi tigi zvillupata u mantenuta fi stat tajjeb il-lokalita' tal-Marsa tittwettaq ix-xewqa tar-residenti li jkollhom ambjent nadif u xieraq.
- Illi l- bini tal- Kunsill jkun jista joffri servizzi ahjar u ikun aċċessibbli ghal persuni b` dizabilita`. Fost is- servizzi li l- Kunsill jixtieq li jibda joffri lir-residenti tieghu f` din il-binja l- ġdida huma ; servizzi edukattivi, kulturali u ta` sahha.
- Li l-Kunsill inaqqas l-ispiza b'10% fis-sena 2017 fl-ispejjez ta' Manutenzjoni, Servizzi Kuntrattwali u Spejjeż ta' Ostilita', filwaqt li jżomm l-istess spiża fis-sena 2018.

## L- Istrateġiji

L- istrateġiji tal- Kunsill hija li apparti li jkompli b` diskussjonijiet mall- Gvern Centrali sabiex jghin fi progetti strutturali u ambjentali li tehtieg il- lokalita` tieghu , jkompli jishoqq li x- xoghol li jsir fil- lokalita` jigi mwettaq tajjeb sabiex jidgawda mill- poplu Marsi ghal tul ta` zmien .

## 4.1 Attivitajiet Ġenerali

Il-Kunsill f' dan il- pjan ta' ħidma ser ikompli jwettaq xogħlijiet infrastrutturali mingħajr ma jnaqqas mis-servizzi mogħtija lill-lokalita' fis-snin imgħoddija fosthom, s- servizz ta' ġbir ta' skart domestiku, ta' manutenzjoni ta' ġonna pubbliċi,servizz ta' knis tat- toroq, ġbir ta' skart goff, tindif u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi, WIFI f'żoni pubbliċi b'xejn lir–residenti, manutenzjoni tad-dawl fit–toroq, u manutenzjoni ta' toroq u bankini.

L-aktar xogħol kapitali ta' importanza kbira li tlesta fis-snin li għaddew kien l-iżvilupp tal-bini il-ġdid tal-Uffiċċini Amministrattivi tiegħu. Issa li l-Kunsill diġa beda joffri servizz b'aktar mod effiċjenti, l-għan ewlieni ta' dan il-bini huwa biex iservi aħjar lir–residenti filwaqt li joffri servizzi addizzjonali bħal servizzi ta' taħriġ, servizzi ta' saħħa u servizz soċjali u edukattivi oħrajn. Dawn ser jkunu offruti mill-Kunsill b' aktar aċċessibilita, kwalita u kumdita, permezz ta' dan il-bini .

B'hekk il-Kunsill ikun qed jaqbez fil- kwalita' billi jkun qed joffri aktar servizzi u b'hekk ikun qed jilħaq l-għan prinċipali kif inhu xieraq lill-lokalita' tagħna mingħajr ma jnaqqas s-servizzi statutorji u jeċċella f'kull servizz mogħti lir–residenti Marsin.

Biex dan jiġi ottenut hemm bżonn ta' tmexxija għaqlija u bieżla kif dejjem kien il-Kunsill Lokali tal-Marsa. F'dan il-pjan ta' Ħidma fil-fatt wieħed jista' jinnota li hemm pjan ta' kontroll fl-ispiża tal-Kunsill, fejn fis-sena 2017 qed jigi ppjanat li l-ispiza f'dik li hija manutenzjoni, servizzi kuntrattwali u spejjeż ta' ostilita' jitnaqqsu b'10% u dan sabiex il-Kunsill iżomm bilanċ finanzjarju pożittiv. Dan jista' jsir permezz ta' aktar kompettitivita fis-servizzi kuntrattwali pprovduti, kif ukoll permezz ta' l-eliminazzjoni ta' spejjeż żejda li l-Kunsill jista' jgħaddi mingħajrhom. Din hija sfida għal Kunsill Lokali tal-Marsa fejn iżda ninsab persważ li se jkun qed jegħleb permezz tal-ħidma għaqlija tal-Kunsill kif dejjem għamel fil-passat.

Dan anke sabiex il-Kunsill jibqa' għaddew bi proġetti ġodda bħalma hija l-Websajt ġdida li huwa ppjanat li ssir fis-sena 2016, u xogħol ta' titjib ieħor li huwa ppjanat li jsir fis-snin sussegwenti. Il-Kunsill jinsab lest ukoll li hekk kif il-Gvern japprova l-iskema ta' proġetti kapitali, jibda l-asfaltar ta' Triq it-Tiġrija li hija triq ewlenija fil-lokalita' tagħna. Il-Kunsill qed jippjana li f'dawn it-tlett snin se jkun qed jaħdem f'kull settur, mhux biss dak infrastrutturali iżda anke dak edukattiv permezz ta' numru ta' korsijiet, dak soċjali billi jipparteċipa f'attivitajiet organizzati mill-għaqdiet soċjali tal-lokalita', dak kulturali bl-organizazzjoni ta' attivitajiet bħal Jum il-Marsa u l-Karnival fost oħrajn, u mhux lanqas dak ta' relazzjonijiet internazzjonali permezz tat-tisħiħ tal-ħbiberija permezz tal-ġemelaġġ mal-lokalita' ingliża ta' Bridgwater.

Dan il-pjan ta' ħidma qed juri fil-qosor, l-istrateġiji u l-għanijiet tal-Kunsill fit-tlett snin li ġejjin bil-ħidma relatata magħhom u t-tbassir finanzjarju neċessarju biex jiġu milħuqa l-miri ffissati f'dan il-pjan mill-Kunsill.

Is-Sur Kenneth Brincat M.Sc. HRM & Trg (Leicester), Dip.Mangt St., CPA Pub Mngt & Local Govt.
Aġent Segretarju Ezekuttiv

## 5.1 Tbassir Finanzjarju għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2016 € | STIMA 2017 € | STIMA 2018 € | Total 2016-2018 € |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Id-Dħul** | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 555,524.00 | 525,744.96 | 546,774.76 | **1,628,043.72** |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 7,700.00 | 9,300.00 | 9,612.00 | **26,612.00** |
| 0090 | L-Investiment | 900.00 | 900.00 | 900.00 | **2,700.00** |
| 0100 | Ġenerali | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | **TOTAL** | **564,124.00** | **535,944.96** | **557,286.76** | **1,657,355.72** |
| 1 | **L-Infiq** | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 93,997.72 | 95,725.67 | 97,488.19 | 287,211.58 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 477,661.76 | 433,975.58 | 433,975.58 | 1,345,612.93 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 65,296.06 | 15,296.07 | 15,296.07 | 95,888.20 |
| | **TOTAL** | **636,955.54** | **544,997.33** | **546,759.84** | **1,728,712.71** |
| | **BILANĊ FAVUR / (KONTRA)** | **(72,831.54)** | **(9,052.37)** | **10,526.92** | **(71,356.99)** |
| | **X'KELLNA QABEL** | 74,053.34 | 1,221.80 | (7,830.57) | 74,053.34 |
| | **X'GĦANDNA ISSA** | 1,221.80 | (7,830.57) | 2,696.35 | 2,696.35 |

**Noti:**

Id-Dħul

Id-dħul mingħand il-Gvern Centrali bhala fondi annwali qed jigi previsti li jibqa kostanti matul dawn t – tlett snin f' din ix – xena ekonomika internazzjonali. Il- Kunsill qed jibqa kommess li jzomm €90,000.00 bhala Fond relatat mall- Bini Tal- Kunsill li mhux qed jigi inkluz fil- Pjan ghax dan il- Fond mhux ser jigi utlizzat sabiex jaghmel tajjeb ghal – interessi li jrid jithallas matul 20 sena u allura huma marbuta u jaghmlu tajjeb bhala bilanc li il- Kunsill jrid izomm skont il- Ligi Finanzjarja ta' 10% tal- Fond Allokat. Bħala dħul qed jiġi stmat ta' żieda ta' 4% fuq kull sena.

L-Infiq

L-infiq huwa dovut ghal hlasijiet ta' kuntratti u kif wkoll infiq rikurrenti ta' l-ufficju u ghal xogholijiet ohra. Apparti dan l- infiq , insibu l- pagamenti ta'self fuq il-Proġett ta' Bini ta' l- Ufficcju Amministrattiv tal- Kunsill li huwa l-iżvilupp prinċipali ta' dan il- Kunsill matul dawn s- snin, liema pagamenti jridu jibqgħu jsiru sa ghoxrin sena mill- 2012 'l quddiem. Zidied previsti fl infiq huma konnessi biss mas – Salarji, filwaqt li fis-sena 2017 qed jiġi mbassar tnaqqis ta' 10% fl-ispejjeż ta' manutenzjoni, servizzi kuntrattwali u spejjeż ta' Ospitalita' u dan biex ma jkunx hemm bilanċ negattiv kbir li jiġi rkuprat fis-sena 2018 billi tinżamm l-istess spiża tas-sena 2017.

## 5.2 Tbassir tad-Dħul għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2016 € | STIMA 2017 € | STIMA 2018 € | Total 2016-2018 € |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-Dhul** | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | |
| 0001 | Annwali | 468,637.00 | 487,382.48 | 506,877.78 | 1,462,897.26 |
| 0002 | Supplimentari | 50,000.00 | | | 50,000.00 |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | | | | 0.00 |
| 0004 | Delegazzjonijiet Pubbliċi/Governattivi | 36,887.00 | 38,362.48 | 39,896.98 | 115,146.46 |
| 0015 | Ħwejjeġ oħra | | | | 0.00 |
| | | **555,524.00** | **525,744.96** | **546,774.76** | **1,628,043.72** |
| **0020** | **Il-'Bye-laws'** | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 7,500.00 | 7,800.00 | 8,112.00 | 23,412.00 |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | | | | 0.00 |
| 0056 | Għotjiet Sponsorjali | | | | 0.00 |
| 0066 | Ġenerali | 200.00 | 1,500.00 | 1,500.00 | 3,200.00 |
| | | **7,700.00** | **9,300.00** | **9,612.00** | **26,612.00** |
| **0090** | **L-Investiment** | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | 900.00 | 900.00 | 900.00 | 2,700.00 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | 0.00 |
| | | **900.00** | **900.00** | **900.00** | **2,700.00** |
| **0100** | **Ġenerali** | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | | | | 0.00 |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | | | | 0.00 |
| | | **0.00** | **0.00** | **0.00** | **0.00** |
| | | **564,124.00** | **535,944.96** | **557,286.76** | **1,657,355.72** |

## 5.3 Tbassir ta' l-Infiq għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2016 € | STIMA 2017 € | STIMA 2018 € | Total 2016-2018 € |
|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **L-Infiq** | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 7,228.50 | 7,373.07 | 7,520.53 | 22,122.10 |
| 1200 | Pagi ta' l-Impjegati | 64,925.00 | 66,223.50 | 67,547.97 | 198,696.47 |
| 1300 | Bonus | 7,985.78 | 8,145.50 | 8,308.41 | 24,439.68 |
| 1400 | Dħul Supplimentari | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali | 6,258.44 | 6,383.61 | 6,511.28 | 19,153.33 |
| 1600 | Konċessjonijiet ('Allowances') | 7,600.00 | 7,600.00 | 7,600.00 | 22,800.00 |
| 1700 | Sahra | | | | 0.00 |
| | | **93,997.72** | **95,725.67** | **97,488.19** | **287,211.58** |
| **2000** | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/ilma/tel. etc.) | 14,100.00 | 14,100.00 | 14,100.00 | 42,300.00 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Forniment | 4,000.00 | 4,000.00 | 4,000.00 | 12,000.00 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 136,800.00 | 123,120.00 | 123,120.00 | 383,040.00 |
| 2400 | Kera | 700 | 700.00 | 700.00 | 2,100.00 |
| 2500 | Sħubija f'għaqdiet Nazzjonali/Internazzjonali | 0 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 2600 | Spejjeż ta' l-Uffiċċju | 9,700.00 | 9,700.00 | 9,700.00 | 29,100.00 |
| 2700 | Trasport | 800 | 800.00 | 800.00 | 2,400.00 |
| 2800 | Safar u vvjaġġar | | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 2900 | Tagħrif lill-Pubbliku | 3,000.00 | 3,000.00 | 3,000.00 | 9,000.00 |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 282,061.76 | 253,855.58 | 253,855.58 | 789,772.93 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 8,500.00 | 8,500.00 | 8,500.00 | 25,500.00 |
| 3200 | Taħriġ | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 18,000.00 | 16,200.00 | 16,200.00 | 50,400.00 |
| 3400 | Spejjeż oħra li jinqalgħu | | | | 0.00 |
| | | **477,661.76** | **433,975.58** | **433,975.58** | **1,345,612.93** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | 0.00 |
| 7100 | Bini | | | | 0.00 |
| 7200 | Titjib | 4,000.00 | 4,000.00 | 4,000.00 | 12,000.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | | | | 0.00 |
| 7500 | Proġetti Speċjali | 61,296.06 | 11,296.07 | 11,296.07 | 83,888.20 |
| | | **65,296.06** | **15,296.07** | **15,296.07** | **95,888.20** |
| | TOTAL | **636,955.54** | **544,997.33** | **546,759.84** | **1,728,712.71** |

## 6.1 It-Tbassir dwar l-Izvilupp Kapitali ghal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Infieq Kapitali | 2016 | | 2017 | | 2018 | | 2016-18 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru. tal-Progett | Deskrizzjoni tal-Progett | | PROGETT € | | PROGETT € | | PROGETT € | TOTAL TAL-KONT € |
| **7001** | **Xiri ta' Propjeta** | | | | | | | |
| **7100** | **Bini u Kostruzzjoni** | | | | | | | |
| **7200** | **Titjib** | **4,000** | | **4,000.00** | | **4,000.00** | | **12,000.00** |
| | **Website** | | 4000.00 | | | | | |
| | **Tgħammir** | | | | 4000.00 | | 4000.00 | |
| **7500** | **Tarmak ta' Toroq** | **61,296.06** | | **11,296.07** | | **11,296.07** | | **83,888.20** |
| | PPP – Triq Zerafa/Isouard Hlas ghar – 5-8 sena | | 11,296.06 | | 11,296.07 | | 11,296.07 | |
| | Tarmak ta' Triq it-Tiġrija | | 50,000.00 | | | | | |
| | TOTAL PROĠETTI ĠODDA | 65,296.06 | | 16,296.06 | | 16,296.06 | | 95,888.20 |